MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 36

5 ta' April 2010

Minuti tas-Seduta Nru. 36 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 5 ta' April 2010.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha, minbarra l-Kunsillieri P. Cutajar li kien skużat.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier C. Bartolo aċċenna għall-minuta 20.1. **(Ref: P/9/Vol II)** tas-seduta preċedenti u talab li din tinqara kif jidher hawn taħt:

*"20.1. Il-Kunsillier C. Bartolo ppropona li fil-ġonna pubbliċi u l-playing fields kollha jitwaħħlu tabelli li jindikaw in-numru ta' emerġenza tal-Pulizija, sabiex il-pubbliku jiġi mħajjar jirrapporta każi ta' vandaliżmu f'dawn il-postijiet. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa wkoll li għandhom jiġu kkunsidrati wkoll postijiet oħra bħal-Imġiebaħ".*

1.2. Is-Sindku refera għall-minuta 17.3. (Ref: T/12/2; X/1/1/Vol II) u ppropona li din tinqara kif ġej:

"17.3. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li saret laqgħa mas-Sindku ta' Agia Napa, Antonis Tsokkos u Maria Toffini, il-kordinatur tal-attivitajiet kulturali fil-Kunsill Lokali ta' l-istess lokalita`. Ġiet diskussa l-possibilita` li jiġu organizzati attivitajiet bis-sehem taż-żewġ kunsilli. Waqt *working lunch* kien hemm diskussjoni mal-persuna li hija responsabbli miż-żamma tax-xtut f'Agia Napa, u wara saret żjara f'Nissi Beach li jġawdi l-i*status* ta' *Blue Flag*.".

1.3. Il-minuti tas-seduta Nru. 35 tal-15 ta' Marzu 2010, ġew approvati u ffirmati bl-emendi mressqa.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Żjara mill-Patrijarka tal-Knisja Ortodossa Sirjana (M/6/Vol V)

2.1.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti u qal li jeħtieġ li jsir kuntatt mal-Assistant Kummissarju tal-Pulizija Andrew Seychell li huwa responsabbli mis-sigurta` waqt iż-żjara tal-Papa sabiex ikun jista' jipprovdi dan is-servizz waqt iż-żjara li ser jagħmel il-Patrijarka tal-Knisja Ortodossa Sirjana fil-Mellieħa u l-Ġżejjer ta' San Pawl.

2.1.3. Is-Sindku għarraf li diġa kien hemm kuntatti mas-sezzjoni tal-Pulizija tat-Traffiku, kif ukoll mal-Għaqda tas-Sajjieda Dilettanti dwar il-loġistika u t-tqegħid ta' plakka kommemorattiva.

2.1.4. Il-Kunsill inkariga lis-Sur E. Bartolo sabiex jagħmel il-kuntatti meħtieġa mal-Assistant Kummissarju.

### 2.2.1. Proġett "*2 Coasts – 1 Europe*" fil-Polonja (P/10/6)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-applikazzjoni illi saret sabiex grupp ta' żgħażagħ minn Lblag fil-Polonja jinġiebu Malta bejn l-1 u l-10 ta' Ġunju 2010, ġiet aċċettata u fil-fatt ġew allokati €13,796 sabiex ikopru parti mill-ispejjeż tal-ivjaġġar, l-akkomodazzjoni, *stationery* eċċ. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li ser issir applikazzjoni oħra mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali taħt l-iskema ta' kofinanzjament bil-għan li jiġu rkuprati spejjeż oħra li jsiru.

2.2.3. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-ewwel parti ta' dan il-proġett li seħħet f'Lblag bejn it-18 u t-28 ta' Marzu 2010. Huwa qal li ż-żjara kienet suċċess li kkontriwixxiet għaliħ it-tħejjijiet li għamlu ż-żgħażagħ qabel ħallew Malta. Huwa qal li l-parti l-kbira tax-xogħol sar ġo sala li tħalliet għad-disposizzjoni taż-żgħażagħ fejn ingħataw diversi *power point presentations*. Ġiet organizzata żjara għall-belt ta' Gdansk, kif wkoll ikla tradizzjonali Maltija għaż-żewġ gruppi – Maltin u Pollokki – ikkordinata mill-Viċi Sindku E. Bartolo. Il-grupp Malti kien kompost minn 10 Melleħin u 5 mill-Manikata.

2.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Estensjoni tal-lukandi Pergola Club u Solana (P/5/8/1)(P/5/8/D)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuti 4.3.1. u 4.4.1. tas-seduta preċedenti u aċċenna għall-*e-mail* li ġiet iċċirkolata lill-membri kollha tal-Kunsill mis-Segretarju fejn inġibdet l-attenzjoni li rappreżentazzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet PA 1220/09 u PA 285/09 kienu ser jiskadu fil-21 ta' Marzu 2010 u għalhekk intalbet l-opinjoni tagħhom sabiex jiġu mgħoddija lill-MEPA.

2.3.3. Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid li filwaqt li l-Kunsill jibqa' favur proġetti sostenibbli għal-lokalita`, xorta waħda għandha tiġi segwita d-deċiżjoni li ssir laqgħa, kemm mal-iżviluppatur, kif ukoll mar-residenti fiż-żewġ każi, fl-ittra li ntbagħtet lill-MEPA, inġibdet l-attenzjoni li:

(a) l-għoli tal-lukanda m'għandux jiżdied aktar minn kif inhu fil-preżent sabiex jinżamm fl-livell bħal dak tal-kumplament tal-bini fi Triq l-Għerien, fejn huwa stabbilit fil-Pjan Lokali li l-għoli m'għandux jaqbeż sular wieħed 'il fuq mit-triq;

(b) iż-żewġ estensjonijiet ser iġibu magħhom domanda akbar ghall-*parking,* filwaqt li l-faċilitajiet għall-parkeġġ ġewwa l-lukanda ser jibqgħu l-istess.

2.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.4.1. *Neighbourhood Watch* f'Santa Marija Estate (N/2)

2.4.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għall-minuta 4.6.1. tas-seduta preċedenti u ġibed l-attenzjoni li l-laqgħa tan-*neighbourhood watch* li kellha ssir fl-10 ta' April ġiet trasferita għall-nhar il-Ħadd 25 ta' April 2010 fl-4.30pm.

2.4.3. Il-Kunsill innota dan l-appuntament.

### 2.5.1. Mixja b'risq il-Fond Puttinu Cares (S/6/Vol IV)

2.5.2. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għall-minuta 4.7.2. tas-seduta preċedenti u għarraf li għal mixja attendew 450 ruħ li 420 għamluha sal-Isla. Kompla jgħid li s-servizz tal-ambulanza ġie pprovdut mingħajr ħlas mis-Saint John's Ambulance Brigade.

2.5.3. Is-Sindku aċċenna wkoll li l-latrina pubblika ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawl II – fejn bdiet il-mixja – li tħalliet miftuħa għal benefiċċju ta' min ħa sehem.

### 2.6.1. *Status* ta' *Blue Flag* lill-Bajja tal-Għadira (X/1/1/Vol II)

2.6.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 14.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-Bajja tal-Għadira mistennija tingħata ċertifikazzjoni *Beach of Quality* mill-organizzazzjoni Blue Flag International. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll illi l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu, bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali, applikat uffiċjalment għall-*Blue Flag status* fir-rigward tal-bajjiet tal-Imġiebaħ u dik tal-Mixquqa.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.7.1. Tisbiħ tar-*roundabout* fi Triq Qasam Barrani / Mithna l-Gdida (K/6/4/1)

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 21.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li minn kuntatti li huwa kellu kemm mad-disinjatur tal-monument, kif ukoll mal-*Contracts Manager*, jirriżulta li l-ispiża fuqu taqbeż €4,659 u għalhekk jeħtieġ li ssir sejħa għall-offerti u jingħata kuntratt sabiex ikun jista' jitwettaq ix-xogħol involut.

2.7.3. Il-Kunsill approva li ssir sejħa għall-offerti biex isir il-monument, li d-disinn tiegħu kien ġie approvat mill-Kunsill f'Settembru 2009. Huwa fakkar li l-iskultur Mellieħi Manuel Cini qed jieħu ħsieb id-disinn tal-monument.

## 2.8.1. Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ (P/4/6/Vol III)

2.8.2. Is-Sur R. Cutajar aċċenna għall-minuta 23.1. tas-seduta preċedenti, kif ukoll għal artiklu li deher f'sezzjoni tal-istampa. Fl-istess artiklu ġie allegat li bl-implimentazzjoni tal-proġett imsemmi ser ikun hemm telf ta' siġar u twaqqigħ ta' kamra fejn jinżammu xi bħejjem. Is-Sindku kkummenta li l-persuna konċernata taf li t-tneħħija ta' xi siġar taż-żebbuġ ser tiġi kkumpensata b'biċċa art oħra u ser jingħataw is-siġar, filwaqt li l-kamra in kwistjoni ma hijiex koperta bil-permess tal-MEPA. Huwa qal ukoll li wara li deher l-artiklu msemmi , saret laqgħa mal-persuna konċernata fejn ġie spjegat dan kollu.

2.8.3. Il-Kunsill innota l-informazzjoni mogħtija.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 12/03/10 – 30/03/10
- *Purchase Request Form* – 30/03/10
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Stqarrijiet Finanzjari Riveduti – April – Diċembru 2009

## 4.0. Korrispondenza

## 4.1.1. *Resurfacing* ta' toroq b'sistema ta' *public private partnership* (T/4/13/Vol X)

4.1.2. Is-Segretarju rrefera għall-Memo 45/2010 tat-22 ta' Marzu 2010, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, li permezz tiegħu, mill-2009 ser jibda jitħaddem il-kunċett ta' *Public Private Partneship* fejn jidħol ir-*resurfacing* ta' toroq li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsilli Lokali. Għal dan il-għan ġew imħejjija *specific conditions* ta' Sejħa għall-Offerti li l-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu joħorgu biex jagħmlu dan ix-xogħol f'numru ta' toroq residenzjali tagħhom. Ġie spjegat li l-kunċett bażiku ta' dan it-*tender* huwa li Kunsill jidħol fi ftehim ma' kuntrattur biex dan tal-aħħar jagħmel xogħol ta' *resurfacing* fuq numru ta' toroq tal-Kunsill, liema toroq jiġu identifikati minn qabel mill-Kunsill fil-ħruġ tas-Sejħa. Dan ix-xogħol irid jitwettaq fi żmien sena. Barra minn hekk, il-kuntrattur jintrabat li jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fuq dawn it-toroq għal tmien snin.

4.1.3. Il-metodu tal-ħlas ta' dan il-kuntratt ser ikun hekk: Wara li jitlesta' ix-xogħol ta' *resurfacing*, il-Kunsill ikun irid iħallas 40% tas-somma tal-kuntratt. Wara l-ewwel sena mit-twettiq tax-xogħol, il-Kunsill iħallas 20% tal-kuntratt u wara t-tieni sena il-Kunsill iħallas 10%. Imbgħad għas snin l-oħra sat-tminn sena, il-Kunsill iħallas 5% kull sena.

4.1.4. Bħala parti mill-iskemi ta' fondi speċjali 2010 kien ġie imħabbar li ser ikun hemm fond speċjali biex jgħin lil dawk il-Kunsilli li jkunu interessati jidħlu f'dan it-tip ta' kuntratt. Għaldaqstant, dawk il-Kunsilli Lokali li huma interessati għandhom jidentifikaw numru ta' toroq li jridu jiġu inklużi fis-Sejħa u jibgħatu lista ta' dawn flimkien ma stima minn perit ta' kemm ser jiġi jiswa dan il-kuntratt. Malli dan id-Dipartiment japprova din il-lista, il-kunsill ikun jista' jipproċedi billi joħroġ is-sejħa bl-*ispecific conditions* li qed jiġu mehmuża ma' din iċ-ċirkolari. F'dan il-każ, id-Dipartiment jikkommetti ruħu li għall-ewwel sena, jirdoppja l-ammont li l-Kunisll għandu fl-allokazzjoni finanzjajra tiegħu fuq manutenzjoni ta' toroq, fil-waqt li għat-tieni sena, il-Kunsill jingħata 25% żieda fuq l-allokazzjoni tiegħu għall-manutenzjoni ta' toroq.

4.1.5. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li jekk il-Kunsilli huwa interessat jrid jissottometti l-applikazzjoni tiegħu malajr kemm jista' jkun għaliex dawn l-applikazzjonijiet jibqgħu miftuħa sakemm jittieħed il-vot kollu allokat għad din l-iskema. L-applikazzjonijiet jiġu ipproċessati fl-ordni li jidħlu fid-Dipartiment. Huwa kompla jgħid li l-uniċi toroq residenzjali li fadal fil-lokalita` li jeħtieġu resurfacing huma Triq Ġorġ Borg Olivier u t-toroq fiż-żoni Tas-Sellum u Ta' Ġerbulin.

4.1.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li ż-żoni ta' Ġerbulin u Tas-Sellum għadhom fi stat ta' żvilupp u għalhekk tista' issirhom ħafna ħsara waqt il-kostruzzjoni tal-bini. Huwa għalhekk ippropona r-*resurfacing* ta' toroq ġewwa l-Aħrax għandhom jsiru taħt din l-iskema u bħala l-ewwel fażi huwa ppropona li ssir Triq l-Armier, bejn Triq il-Marfa u Triq Ramlet il-Qortin, u Triq Ramlet il-Qortin, bejn Triq l-Armier sal-parkeġġ. Bħala prekawzjoni kontra sewqan b'veloċita` qawwija, is-Sur Buttigieg issuġġerixxa wkoll li ssir bankina fuq iż-żewġ naħat tat-triq jew xi miżura oħra li tnaqqas il-wisa' tal-istess toroq.

4.1.7. Il-Kunsill qabel mal-proposta u ddeċieda li għandha tintalab stima mill-*Contract Manager* sabiex tkun tista' issir it-talba.

### 4.2.1. Tmexxija tad-*Defence Post* ta' Triq l-Għollieqa (A/6/7/Vol IV)

4.2.2. Saret referenza għal ittra datata 25 ta' Marzu 2010 mibgħuta mill-Għaqda Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti sabiex jieħdu t-tmexxija tad-*defence post* ta' Triq l-Għollieqa b'mod volontarju, bil-għan li sservi bħala post minn fejn ikunu jistgħu jikkordinaw l-attivajiet tal-istess għaqda. F'dan il-proċess titnaddaf it-trunċiera, filwaqt li jsir ir-restawr tal-kmamar u jsiru l-aperturi.

4.2.3. Is-Sindku stqarr li filwaqt illi jaqbel mal-kunċett, wieħed għandu jaċċerta ruħu li dan il-post jibqa' wieħed ta' attrazzjoni, li jitgawda mill-pubbliku u t-turisti.

4.2.4. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni, illi dan il-post kien ġie devolut lill-Kunsill u għalhekk jeħtieġ il-kunsens tat-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern qabel ikun jista' jsir dan il-pass.

4.2.5. Il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir laqgħa ma' delegazzjoni mill-għaqda sabiex jinkiseb aktar tagħrif dwar it-talba li saret.

### 4.3.1. Ftuħ tal-Librerija Pubblika (L/4/Vol II)

4.3.2. Saret referenza għal sejħa li saret sabiex tinsab persuna ħalli taqdi l-funzjoni ta' librara fil-Librerija Pubblika tal-Mellieħa nhar ta' Sibt, meta l-librerija tinfetaħ bejn id-9.00am u nofsinhar. Is-Segretarju għarraf li sad-data tal-għeluq, fit-18 ta' Marzu 2010, daħlet applikazzjoni waħda minn Nadia Vella (ID: 292974M).

4.3.3. Is-Sindku aċċenna għall-fatt illi l-i*staff* tas-Segretarjat tal-Kunsill ġie offrut dan ix-xogħol qabel saret is-sejħa, iżda ħadd minnhom ma kien f'posizzjoni li jaqdi din il-funzjoni.

4.3.4. Il-Kunsill approva l-applikazzjoni tas-Sinjura Vella u qabel li għandha ssir laqgħa mal-librar uffiċjali nkarigat mid-Dipartiment tal-Libreriji sabiex ikun jista' jiġi spjegat ix-xogħol mistenni minnha.

### 4.4.1. WiFi *Access Points* fil-lokalitajiet (I/1/3/Vol V)

4.4.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 30 ta' Marzu 2010, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn tħabbar li l-Gvern Ċentrali ser jinstalla WiFi *access points* fil-lokalitajiet u f'postijiet pubbliċi. Il-Kunsill intalab jindika post fil-Mellieħa fejn dan is-servizz ikun jista' jingħata fuq medda ta' 150 metru kwadru. Fil-post magħżul irid ikun hemm: (a) kamra jew struttura fejn jitqiegħed l-*modem*; (b) provista tal-elettriku; u (ċ) tkun tista' tingħata linja tal-telefon tal-GO plc.

4.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-aktar post addattat għal dan it-tip ta' servizz huwa Ġnien Dun Anton Debono, fejn anke ikun milħuq il-Park tal-Familja.

### 4.5.1. PA 5126/05 – Bini residenzjali fuq Plot 180A, Triq il-Hena (P/5/8/S)(P/5/1/Vol II)

4.5.2. Saret referenza għall-applikazzjoni msemmija hawn fuq, li tinvolvi l-iżvilupp ta' bini residenzjali b'erba' sulari għoli mil-livell ta' Triq il-Hena.

4.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li minkejja l-emendi li saru fil-Pjan Lokali tal-Majjistrali fir-rigward ta' *policies* NMWL 4 u NWML 12 u t-tibdil fl-iskema li permezz ta' PC 0041/07, xorta waħda għandu jtenni l-oġġezzjoni tiegħu għal dan l-iżvilupp. Dan peress li ż-żona ta' transizzjoni bejn Tas-Sellum u Santa Marija Estate għandha tkun fejn attwalment hemm il-kumpless magħruf bħala "Tas-Sellum Residence" u mhux kif ġie spustjat f'żona li kienet intenzjonata għal villel. Kien hemm qbil ukoll li kemm-il darba l-MEPA tapprova din l-applikazzjoni, l-iżviluppatur għandu jintalab jagħmel garanzija bankarja sabiex tkopri ħsarat li jistgħu jsiru fi Triq il-Hena u Triq il-Hlewwa, bl-uzu ta' vetturi tqal tal-kostruzzjoni.

### 4.6.1. Stedina għal żjara f'Pozzallo fi Sqallija (A/5/3/Vol X)

4.6.2. Is-Sindku aċċenna għall-istedina li saret mill-Comune di Pozzallo sabiex mużiċisti u kantanti mill-Mellieħa jipparteċipaw f'*Notte Blu* li qed tiġi organizzata fl-istess belt bejn it-30 ta' April u t-2 ta' Mejju 2010. Is-Sur R. Cutajar ippropona li f'din l-edizzjoni għandha tipparteċipa l-Banda Imperial wara li fis-sena preċedenti kienet ħadet sehem il-Banda La Vittoria. Ippropona wkoll li jiġu mistiedna jipparteċipaw il-grupp Simar. Fir-rigward tal-kantanti, il-Kunsill kien tal-fehma li jiġu kkuntattjati Annabelle Debono u Giorgina Abela. Huwa qal ukoll li parti sostanzjali tal-ispiża nvoluta ser jagħmel tajjeb għaliha l-Comune di Pozzallo.

4.6.3. Il-Kunsill laqa' il-proposti mressqa u awtorizza li jsiru l-kuntatti meħtieġa.

### 4.7.1. *Community Art Project* (A/5/3/Vol X)

4.7.2. Saret referenza għall-proposta li magħmula mis-Sur Graham Woodall, artist residenti f'Malta li qed jippromwovi l-arti fil-komunita` bil-għajnuna ta' sitt Kunsilli Lokali. Dan il-proġett jinvolvi li lokalita` tingħata biċċa xogħol tal-arti (*mosaic*) ta' kejl 3 metri b'4 metri, skond disinn li jingħata minn Woodall. Il-biċċiet tas-sit lokalitajiet f'daqqa jkunu jistgħu jinqagħdu flimkien biex jifformaw stampa waħda wara li tintramgħa fil-Kavallier ta' San Gakbu fil-Belt Valletta. Ix-xogħlijiet ikunu jistgħu jsiru fi pjazza jew post pubbliku ieħor fil-lokalitajiet li jkun qed jipparteċipaw. Kull Kunsill huwa mistenni li jikkontribwixxi €250 b'risq din l-inizjattiva.

4.7.3. Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa bis-somma msemmija, kif ukoll biex isib sa 100 persuna sabiex jiffurmaw il-grupp tal-Mellieħa.

### 4.8.1. Programm tal-Unjoni Ewropea Malta – Italia 2007-2013 (P/10/8)

4.8.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 11 ta' Marzu 2010, mibgħuta mill-Kunsill Lokali tal-Isla, fejn saret stidina sabiex il-Mellieħa tissieħeb fi proġett imsemmi. Proġetti simili kienu qed japplikaw għalihom il-kunsilli lokali tal-Isla, Żejtun, Victoria, flimkien mal-Fundazzjoni Temi Zammit. Il-proġett jittratta seba' temi, li jiffokaw fuq sorsi marittimi, it-turiżmu, l-enerġija, it-trasport u attivitajiet kulturali. L-iskop ewlieni tiegħu huwa li jimmassimizza l-potenzjal ekonomiku tagħhom.

4.8.3. Il-Kunsill approva din l-inizjattiva.

### 4.9.1. *European Neighbourhood Policy Instrument (ENPI)* - Proġett OASIS (P/10/4)

4.9.2. Is-Sur R. Cutajar aċċenna għal *e-mail* datat 3 ta' April 2010, mibgħut minn Prof. Corrado Monaca, li qed jikkordina il-Progett OASIS f'isem il-Movimenti Azzurro. Huwa qal li fil-mument ghaddejja l-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet li saru, u f'dan il-proċess intalbet aktar dokumentazzjoni mill-imsieħba l-oħra, il-Comune di Lampedusa u l-Universita` ta' Pisa.

4.9.3. Is-Sindku kompla jgħid li l-proġett relatat mal-letteratura ġie approvat, fejn il-Kunsill Lokali kien qiegħed jipparteċipa bil-ktieb li jittratta l-Mellieħa fiż-żmien it-Tieni Gwerra Dinjija tal-awtur Mellieħi Charles Debono.

4.9.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.10.1. PC 0046/09 – Żieda fl-għoli tal-bini fiż-żona Tal-Ibraġ (P/5/8/M)

4.10.2. Is-Sindku rrefera għall-istedina li saret lill-Kunsillieri kollha sabiex jattendu protesta li saret f'Tal-Ibraġ nhar il-Ħadd 4 ta' April 2010. Huwa stqarr li kkuntattja lill-kordinatur ta' din il-protesta - Dr Michael Buhagiar – u għarrfu li huwa personali ħass li m'għandux jattendi billi l-materja kienet qed qiegħda tiġi politiċiżżata. Għarrfu wkoll li l-Kunsill diġa rreġistra r-riżervi tiegħu dwar l-applikazzjoni, permezz ta' ittra ndirizzata lill-MEPA datata 24 ta' Ottubru 2009.

4.10.3. Is-Sur R. Cutajar aċċenna wkoll għal artikoli li dehru fl-istampa, fejn ġie allegat li l-familja Borg hija l-proprjetarja tal-art in kwistjoni, meta fil-fatt huma għandhom biss 3% mill-blokka kollha, filwaqt li l-bqija tappartjeni lil madwar 24 proprjetarju ieħor, fosthom wieħed li għandu parentela ma' ex-Ministru Laburista. Is-Sur R. Cutajar iddikjara li huwa qatt ma ġie kkuntattjat dwar din il-materja mis-Sur Edgar Galea Curmi – il-Kap tas-Segretarjat fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Qal ukoll li mhux ġust illi din il-materja qed tiġi politiċizzata b'attakk fuq il-familja Borg u s-Sur Galea Curmi.

4.10.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg fakkar li meta l-art f'Tas-Sellum tneħħiet mill-iskema tal-bini u minflokha ġiet indikata l-art f'Tal-Ibraġ, il-Kunsill kien issuġġerixxa art oħra fiż-żona ta' Mellieħa Heights u f'Ta' Masrija qrib ir-*roundabout* ta' Selmun. Is-Sindku kkummenta wkoll fil-korrispondenza msemmija aktar 'il fuq, li kien hemm mal-MEPA, kien ġie propost li tista' tiġi kkunsidrata art pubblika anke barra mill-Mellieħa.

4.10.5. Is-Sindku temm id-diskussjoni fuq dan is-suġġett billi appella lill-Kunsillieri Laburisti sabiex f'din il-kwistjoni ma tidħolx politika u jkun aħjar li l-partijiet kollha jaħdmu għal ġid komuni.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 30 ta' Marzu 2010.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn it-12 u t-30 ta' Marzu 2010.

6.3. Il-Kunsill ra l-kontenut tal-iskeda mressqa u approva l-pagamenti elenkati fiha.

## 7.1. Aġġornament dwar materji li jinvolvu l-Konsulent Legali tal-Kunsill

7.2. Għal din il-parti tas-seduta attenda l-Avukat John Bonello li sakemm aġġorna lill-Kunsill dwar il-materji li ġew assenjati lilu, kien hemm sospensjoni tas-seduta.

K.L.B.L. 37/ 2 /2009 - *Bye-laws* ta' l-2009 dwar Attivitajiet fil-Beraħ
**(B/5/Vol III)(C/4/Vol III)**

7.3. Għal din il-parti tad-diskussjoni attenda wkoll is-Sur Raymond Grima, l-Uffiċjal Awtorizzat tal-Kumitat Konġunt dwar l-Ordni Pubbliku.

7.4. Is-Sindku aċċenna għall-*bye-law* 2, fejn huwa definit li l-kelma "*caravan*" tinkludi "*camper*". Huwa qal li l-*bye-law*s jagħmlu distinzjoni bejn it-tnejn, peress li *camper* hija vettura liċenzjata biex tinstaq u titħalla fit-triq, filwaqt li *caravan* tiġi rmunkata minn vettura bil-mutur. Ippropona wkoll li sakemm *camper* jitħalla f'post fejn l-ipparkjar huwa permess, mingħajr ma jkollha tined, imwejjed u siġġijiet, eċċ ma' ġenbha, din m'għandhiex tkun affettwata bil-*bye-law*s.

7.5. Il-Kunsill qabel ma' din l-emenda.

7.6. Is-Sindku rrefera għall-*proviso* tal-*bye-law* 3.1. fejn jingħad li ebda awtorizzazzjoni bil-miktub mill-Kunsill ma tkun meħtieġa sabiex jitqiegħed xi kamp f'żona għall-kampeġġ, sakemm dak il-kamp ikun intiż għall-mhux aktar minn ħmistax-il persuna. Minkejja dan, is-Segretarjat ħass il-ħtieġa li xorta waħda jinħareġ permess bil-miktub, iżda ma humiex jintalbu flus, peress li m'hemm ebda *bye-law* li tistipula xi ħlas f'dan il-każ. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa jaqbel mal-proċedura addottata mis-Segretarjat, peress li hija ntiża sabiex il-pubbliku jiġi ggwidat aħjar, iżda min-naħa l-oħra dan qed jieħu ħafna ħin u

spejjeż. Huwa għalhekk ippropona li l-*proviso* għandu jiġi emendat fis-sens li jintalab ħlas raġġjonevoli biex jinħareġ il-permess. Mill-introduzzjoni tal-*bye-laws* sad-data tas-seduta, inħareġ permess wieħed bi ħlas, fost l-għexieren li nħarġu. Jeħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti l-konfini tal-areas indikata għall-ikkampjar, kif ukoll in-numru massimu ta' permessi li jinħarġu, peress li rriżulta illi d-domanda qed tmur lill'hinn mill-medda allokata.

7.7. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li huwa jaqbel li jintalab ħlas, iżda ssuġġerixxa li bl-istess flus jiġu pprovduti faċilitajiet bħalma huma *mobile toilets*, *showers, skips* eċċ.

7.8. Il-Kunsillier C. Bartolo kkummenta li bl-introduzzjoni ta' ċerti faċilitajiet, il-Kunsill irid joqgħod attent li ma jkunx qed jikkompeti mal-privat.

7.9. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa jaqbel li għandu jintalab ħlas għall-ħruġ ta' permess meta n-numru jkun inqas minn ħmistax, għaliex b'hekk tkun qed titneħħa *loop-hole* li teżisti f'*bye-law* 3.1. Huwa qal ukoll li bl-introduzzjoni ta' aktar faċilitajiet, bħal l-ilma u l-elettriku, jista' jkun meħtieġ il-permess tal-MEPA. B'li sar sa issa dan ma kienx meħtieġ.

7.10. Il-Kunsill qabel li l-proviso ta' ***bye-law* 3.1**. għandu jiġi emendat biex ikun jista' jintalab ħlas ta' €3 għal kull permess għall-ikkampjar li jinvolvi inqas minn ħmistax-il persuna.

7.11. Kien hemm qbil ukoll li l-***bye-law* 4.4**. għandha tiġi emendata wkoll, fis-sens li ma jkunx meħtieġ permess f'każ ta' tisjir fil-miftuħ (eż: *barbecues*) li jinvolvi anqas minn ħmistax-il persuna.

7.12. Is-Sindku aċċenna wkoll għall-fatt li fiż-żoni tal-kampeġġ stabbiliti permezz tal-*bye-law*s qed jiddaħħlu vetturi bi ksur tar-Regolamenti dwar *Offroading* minn Vetturi bil-Mutur (Avviżi Legali 196 tal-1997, u 496 tal-2007). L-istess regolamenti jistipulaw li ebda persuna ma tista' ssuq vettura bil-mutur, tieħu sehem jew torganizza *offroading* jew avveniment ta' *offroading*, ħlief f'lokalita` li tkun indikata bħala *offroading site* b'sinjali approvati skond ir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku l-Marki tal-Karreġġjata. Is-Sur R. Cutajar ikkummenta li l-Gwardjani Lokali mhux qed jinfurzaw dawn ir-regolamenti.

7.13. Is-Sur R. Grima wieġeb li l-infurzar ta' dawn ir-regolamenti qatt ma' ġie delegat lill-Gwardjani Lokali u għalhekk ma tistax tittieħed ebda azzjoni, ħlief li dawn jirrappurtaw lill-Pulizija. Huwa qal ukoll li anke f'każ illi xi ħadd jirrifjuta li jagħti d-dettalji tiegħu lill-Gwardjani Lokali, ikun meħtieġ l-intervent tal-Pulizija.

7.14. L-Avukat J. Bonello ġibed l-attenzjoni li f'każ ta' ċerti reati lanqas il-Pulizija ma tkun tista' toħroġ avviż ta' kontravvenzjoni. F'ħafna każi, il-Pulizija tkun tista' biss tħarrek biex persuna tittella' il-Qorti.

7.15. L-Avukat J. Bonello ippropona li l-amenda ta' €69.88, stipulata fil-***bye-law* 5,** għandha tiġi *rounded* għal €70.

7.16. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrefera għall-*caravans* li fis-sajf 2009 tneħħew mill-parkeġġi tal-Għadira u tħallew fl-inħawi tal-Qortin it-Twill, bejn Ramlet il-Qortin u l-Armier. Huwa ppropona li għas-sajf 2010 jsiru l-istess arranġamenti, bil-kundizzjoni li: (a) l-*caravans* jitneħħew kollha sal-aħħar ta' Settembru; (b) ma jsirux strutturi permanenti; u (ċ) ma ssir ħsara lis-siġar.

7.17. Is-Sindku wieġeb li fil-jiem illi ġejjin kien hemm laqgħat previsti mal-awtoritajiet konċernati biex jaraw x'alternattivi li jistgħu jiġu addottati.

7.18. Il-Kunsill kien tal-fehma li dan ma kienx il-mument propizju li tittieħed deċiżjoni fuq dan is-suġġett.

## <u>Kawża dwar il-qlib tal-ilma tax-xita fi Triq Toni Pace</u> (T/4/13/Vol VIII)

7.19. L-Avukat J. Bonello għarraf li l-atturi konjuġi Gouder ippreżentaw ix-xhieda ġuramentata tagħhom. L-atturi ħarrku wkoll lil uffiċjal mit-Transport Malta u xehdet il-Perit Antoinette Conti li xehdet illi s-soluzzjoni għal possibilta` li jidħol l-ilma fil-garaxx ta' Gouder hija li togħla l-kurduna tal-bankina. Xehdet ukoll li r-responsabilta` għal-livelli tat-toroq taqa' fuq il-MEPA. Fl-aħħar smiegħ li kien hemm sa magħruf li permezz ta' *accountant*, l-atturi ser iressqu stima tad-diprezzament li kien hemm fuq il-vetturi tagħhom, ikkawżata mill-fatt illi allegatament dawn ma jistgħu jiddaħħlu fil-garaxx in kwistjoni. Sar magħruf ukoll li l-MEPA giegħlithom ineħħu l-briks li tqiegħed fit-triq u minflok ipproponietilhom li ssir fallakka quddiem id-daħla tal-garaxx.

7.20. Is-Segretarju fakkar li kopja tax-xhieda tal-atturi ġiet mgħoddija lis-Sindku, lill-Kunsillier J. Buttigieg, kif ukoll lil Central Asphalt Ltd.

7.21. Il-Kunsillier J. Buttigieg tenna li l-allegat problema tal-atturi kienet teżisti qabel l-1996, kif ippruvat f'ittra li huma bagħtu lid-Direttur tax-Xogħlijiet fl-istess sena.

7.22. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**Appell mill-għoti ta' Kuntratt dwar il-kostruzzjoni ta' post ta' rikrejazzjoni fil-wesgħa bejn Triq il-Migbħa, Għasel u Xehda (P/4/23/Vol II)**

7.23. L-Avukat J. Bonello għarraf li s'issa kien hemm smiegħ wieħed tal-Bord tal-Appelli - fi Frar 2010 - fejn huwa qajjem eċċezzjoni dwar il-kompetenza tal-istess Bord. Dan billi r-Regolamenti dwar l-Offerti mill-Kunsilli Lokali jistipulaw li l-Bord għandu s-setgħa li jisma' u jiddeċiedi appelli minn offerenti dwar offerti b'valur tal-kuntratt sa €12,000. L-istess Bord jisma' ukoll meta, minflok ma jkun ġie stabbilit il-valur stmat tal-offerta, ikunu ġew stabbiliti jew offruti rati. Billi l-affarijiet mhumiex ċari, Dr Bonello għarraf li kellu laqgħa mal-konsulent legali fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex tingħata deċiżjoni bla aktar dewmien. L-avukat ta' appellant – North 2 South Ltd – qed jikkontendi li f'dan l-istadju ma jistgħu jitressqu eċċezzjonijiet.

7.24. Is-Segretarju rrimarka li lanqas m'hija ċara x'jiġri mill-appell, kemm-il darba l-każ ma jibqax jiġi trattat mill-Bord, minħabba l-perjodi stabbiliti.

7.25. Dr Bonello kompla jispjega li riċentement il-liġi dwar il-kuntratti pubbliċi ġiet emendat fis-sens illi minn ikun ingħata l-kuntratt, issa jista' jressaq is-sottomissjonijiet tiegħu wkoll permezz tal-avukat tiegħu. Huwa qal ukoll li kemm-il darba l-Kunsill jipproċedi bix-xogħlijiet ikun qed jesponi ruħu għad-danni li jkunu jammontaw għall-profitt li kien mistenni jagħmel l-offerent kieku ngħata l-kuntratt.

7.26. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 8.1. Laqgħa mal-Kumitat tar-Residenti tal-Manikata (M/1)

8.2. Għal din il-parti tas-seduta attendiet delegazzjoni mill-kumitat imsemmi li kienet komposta mis-Sinjuri Peter Seychell (President), Frank Farrugia (Segretarju), Simon Ciantar (Teżorier); Martin Chircop (Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi), u Mary Micallef (Membru). Is-seduta ġiet sospiża tul l-interventi li saru mill-kumitat.

8.3. Is-Sur Seychell qal li l-kumitat ħejja statut li ġie mgħoddi lill-konsulent legali u wara ser tintbagħat kopja tiegħu lil kull resident fil-Manikata, biex b'hekk ikun jista' jiġi approvat waqt laqgħa ġenerali

8.4. Il-punti li jidħru hawn taħt tqajjmu mill-membri tal-kumitat preżenti:

| Punti mqajjma mill-Kumitat | Kummenti mill-Kunsill |
|---|---|
| Is-Sur P. Seychell qal li x'aktarx illi r-riforma fit-trasport pubbliku tieħu fit-tul, għalhekk appella sabiex issir pressjoni fuq Transport Malta sabiex jiġi ntrodott **servizz bil-karozzi tal-linja bejn il-Mellieħa u l-Manikata**. | Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li fid-dawl tar-riforma dwar it-trasport bil-karozzi tal-linja, Transport Malta, permezz tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħarġet struzzjonijiet sabiex ma jingħatawx kuntratti għal servizzi ġodda, jew jiġġeddu dawk eżistenti.<br><br>Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-Kunsill preċedenti kien beda kuntatti mal-Assoċjazzjoni tat-Trasport Pubbliku u kien wasal fi ftehim li l-rotta tkun tinkludi ċ-Ċirkewwa u r-Ramla tal-Mixquqa sabiex tkun aktar vijabbli.<br><br>Is-Sindku wieġeb li l-Gvern huwa kommess li jdaħħal fis-seħħ ir-riforma fit-trasport pubbliku sa tmiem l-2010. Huwa qal ukoll li fil-konsultazzjonijiet li kien hemm mal-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, flimkien mal-Viċi Sindku E. Bartolo, ġie aċċertat li l-Mellieħa tkun magħquda mal-Manikata minħabba diversi raġunijiet. |

| Punti mqajjma mill-Kumitat | Kummenti mill-Kunsill |
|---|---|
| Qed ikun hemm ilmenti li x-xufiera tal-**karozzi tal-linja** mhux kollha qed jitilgħu l-Manikata, bir-riżultat li jitħallew in-nies l-art fuq il-*bus stop* li hemm fi Triq il-Biedja, kantuniera ma' Triq il-Manikata. | Dan l-ilment ser jiġi mgħoddi lil Transport Malta biex isir *monitoring* tar-rotta. |
| Is-Sur Seychell aċċenna għall-intenzjoni li ma jitħallewx jidħlu vetturi fil-**Park tal-Majjistral** ħlief dawk awtorizzati. Huwa staqsa dwar jekk huwiex ser ikun hemm faċiltajiet biżżejjed għall-parkeġġ barra 'il Park. | Is-Sindku wieġeb li ser ikun hemm faċilitajiet fejn d-daħla tal-lukanda Golden Sands, il-*Guard Room* tal-Kamp; Misraħ il-Parroċċa Manikata, ix-Xatba (fejn l-akwadott tad-drenaġġ), in-naħa ta' fuq tat-Telgħa ta' Għajn Żnuber u f'Tal-Prajjet.<br>Intqal ukoll li fid-diskussjonijiet li huwa ħa jkollu mal-Bord tal-Park, ser jara li dan l-aspett jittieħed in konsiderazzjoni meta jibda jopera l-kumpless ta' Ħal Ferħ. |
| Is-Sur Frank Farrugia staqsa dwar minn fejn ser jingħalaq l-aċċess għall-**Park tal-Majjistral** min-naħa tl-*Guardroom* tal-Kamp. | Is-Sindku wieġeb li kemm-il darba jitwaħħlu xtiebi, dawn ikunu rtirati 'l ġewwa. |
| Is-Sur Simon Ciantar lmenta li fit-toroq rurali madwar il-Manikata (eż: il-Mejjieli; Qortin; ix-Xagħra l-Ħamra eċċ) f'diversi ħinijiet tal-ġurnata qed jidħlu persuni bi ***scramblers***. | Ittieħdet nota ta' dan il-punt. |
| Is-Sur P. Seychell aċċenna għall-periklu li hemm f'**Misraħ il-Parroċċa** u staqsa dwar kif ser tgħaddi t-triq il-ġdida biex b'hekk tkun tista' tingħalaq il-pjazza għall-vetturi. Qal ukoll li hemm xi residenti ta' triq ġdida fi Triq Ħabb il-Qamħ li qed jibżgħu li t-traffiku ser jibda jgħaddi minn quddiem ir-residenza tagħhom. Ilmenta wkoll li minkejja illi Triq il-Mellieħa hija pprojbita għall-vetturi kbar, xorta waħda qed tintuża għal dan il-għan. Ġie rrakkomandat l-użu tal-*cameras* biex jitrażżan dan l-abbuż. | Ġie spjegat li skond il-Pjan Lokali, it-triq il-ġdida ser tgħaddi eżatt biswit Ġnien iż-Żerniq u taqbad direttament ma' Triq il-Knisja l-Qadima. Intqal ukoll li l-possibilta` li t-traffiku jgħaddi minn triq ġdida fi Triq Ħabb il-Qamħ hija waħda remota, peress li Sqaq Ħarruba mhux inkluż fl-iskema tat-toroq. Kemm-il darba jidħdu vetturi kbar li ma jkunux qed jirrendu servizz fil-Manikata u fil-barriera f'Tat-Tomna, dawn jistgħu jiġu kkontrollati permezz tal-Gwardjani Lokali. |
| Is-Sur Simon Ciantar qal li l-karatteristiċi rurali tal-Manikata jistgħu jiġu mħarsa, kemm-il darba ssir *bypass* li tibda mit-Triq il-Mellieħa, fl-inħawi tax-Xatba, tgħaddi mill-*area* tal-Mejjieli u tingħaqad ma' Triq il-Biedja. Huwa fakkar li mill-istess post kienet ser tgħaddi mina bħala parti mit-*TEN-T Road Network*. | Il-Kunsill ħa nota ta' din il-proposta. |

| Punti mqajjma mill-Kumitat | Kummenti mill-Kunsill |
|---|---|
| Ġie mistoqsi jekk kienx hemm xi żviluppi dwar il-possibilta\` li jsir *multi-purpose court* qrib Triq ir-Raded / Trejqet l-Għabex. | Is-Sindku wieġeb li għaddejjin kuntatti mat-Taqsima Proprjeta\` tal-Gvern biex tiġi allokata l-art meħtieġa. Huwa qal ukoll li l-Kunsill ħoloq vot apposta għal dan il-proġett fl-estimi 2010. |
| Il-Kunsill ġie mistoqsi jekk il-*pallets* tal-injam użati fil-ġarr tal-merkanzija, humiex permessi fuq il-ħitan tas-sejjieħ biex ikennu l-għelieqi. Huma lmentaw li t-tqegħid tal-*pallets* qed ikerraħ ċerti postijiet fil-Manikata. | Il-Kumitat intalab jindika dawn il-postijiet sabiex possibilment tkun tista' tittieħed azzjoni possibbli. |
| Is-Sur Seychell ġibed l-attenzjoni li triq bejn il-parkeġġ t'Għajn Tuffieħa u Sqaq Ħarruba hija mudlama u jeħtieġ li jiġu ntrodotti dwal ġodda. | Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li wieħed irid joqgħod attent meta jżid ċerti faċilitajiet għaliex dawn jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-karetteristiċi tal-post. |
| Is-Sur P. Seychell talab li l-Kumitat tar-Residenti tal-Manikata għandhu jitpoġġa fuq livell għola minn għaqdiet oħra li jiffunzjonaw fil-lokalita' u għalhekk fost faċilitajiet oħrajn għandu jkollu post minn fejn jiffunzjona. Għaldaqstant, il-kumitat talab sabiex jitħalla juża kamra li hemm fi Ġnien iż-Żerniq għal dan il-għan. Intqal ukoll li l-Kunsill għandu jagħmel kull sforz sabiex il-Manikata tiġi kkunsidrata bħala *hamlet* u tingħata Kumitat Amministrattiv. | Is-Sindku kkummenta li l-Kunsill ma' jagħtix trattament differenti lill-għaqdiet li jiffunzjonaw fil-lokalita\` u għalhekk ma jistax jagħmel eċċezzjoni fil-każ tal-Kumitat Residenti tal-Manikata. Huwa fakkar ukoll li fost l-għaqdiet eżistenti fil-Mellieħa, hemm l-Għaqda tar-Residenti ta' Santa Marija Estate li għandha funzjonijiet simili. Is-Sur R. Cutajar qal li l-Kunsill attwali, fl-ebda waqt ma' wera opinjoni jew għamel pressjoni fuq il-Gvern Ċentrali sabiex ma jitwaqqafx Kumitat Amministrattiv għall-Manikata. Is-Sur R. Cutajar issuġġerixxa li l-Kumitat għandu jagħmel talba formali dwar l-użu tal-kamra in kwistjoni, sabiex is-suġġett ikun jista' jitpoġġa fuq l-agenda għad-diskussjoni mill-Kunsill.<br>Is-Sur R. Cutajar aċċerta lill-Kumitat li l-Kunsill ser ikun qed jagħmel hiltu biex il-Manikata tibbenefika wkoll minn proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea. |

8.5. Fi tmiem l-interevent tagħhom, il-membri tal-Kumitat Residenti Manikata rringrazzjaw lill-Kunsill għall-opportunita\` li tagħhom biex iressqu l-punti msemmija hawn fuq.

## 9.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku R. Cutajar illi tgħid:

**"Billi fis-seduta Nru. 34 tal-15 ta' Frar 2010 tressaq l-abbozz oriġinali tar-Rapport Finanzjarju għad-disa' xhur – April /Diċembru 2009, li ġie spjegat fid-dettal;**

**Billi fis-seduta Nru. 35 ġew approvati emendi fil-minuti dwar l-istess dokument, li jimmeritaw reviżjoni tal-istqarrijiet, liema reviżjoni saret skond l-abbozz sottomess;**

**Il-Kunsill japprova r-Rapport Finanzjarju rivedut u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmaw l-istqarrijiet finanjarji qabel jiġu mgħoddija lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.". (F/1/2/Vol VI)**

9.2. Is-Segretarju ressaq kopja reveduta tal-Istqarrijiet Finanzjarji li jkopru bejn April u Diċembru 2009 u spjega li l-aġġustamenti li saru kienu jinvolvu:

- Żieda fid-dħul mill-attivajiet kulturali u *sponsorships* mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu u sorsi oħra ta' €3,750 b'rabta mal-Iljieli Melleħin 2009.
- Rijallokazzjoni tal-ispiża ta' *culvert* ġdid li sar fi Triq l-Assedju l-Kbir u Triq iċ-Ċikken ta ' €18,644.79 minn *Road and Street Repairs* ghal *Road Resurfacing,* bħala assi permenenti.
- Aġġustament żgħir ta' *accrued income* rigward l-użu ta' faċilitajiet fix-Xelters tat-Tieni Gwerra mill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina, li jinvolvi s-somma ta' €570.09.
- *Prepayment* ta' kera fuq proprjeta` devoluta li jammonta għal €94.65.
- Rijallokazzjoni ta' dħul ġenerali permezz ta' *bye-law*s dwar ir-reklamar fit-toroq li tammonta €69.90
- Tneħħija mill-kotba ta' €2,329.37 li l-Kunsill kellu jirċievi b'rabta ma' riklamar fuq il-Moll taċ-Ċirkewwa. Dan wara li l-Kunsill ilu jipprovdi għalih għal numru ta' snin, meta m'hemmx il-possibilta` li dawn il-flus jitħallsu.
- Aġġustament lill-*performance bonus accured* wara li l-istima li ttieħdet meta ġew approvat l-*accounts* l-ewwel darba ma kienitx preċiża.
- Aġġustament biex jaġġorna u jemenda l-bilanċ tal-ammont dovut lill-Kunsill mill-*pre-pooling tickets*. Dan il-bilanċ ġie aġġornat u rikonċiljat mar-rapport tad-Datatrak. Peress li dawn l-ammonti dovuti huma ftit qodma, saret proviżjoni sħiħa kontra tagħhom. B'hekk l-ammont nett dovut mill-*LES Pre-Pooling* inġieb fix-xejn.
- Aġġustament fin-nota tal-*Capital Commitments* biex l-ispejjeż kapitali kommessi għas-sena 2010 jirrikonċiljaw eżatti mal-estimi li approva l-Kunsill.

9.3. Wara l-ispjegazzjoni mogħtija, il-Kunsillieri preżenti unanimament approvaw l-istqarrijiet finanzjarji kif ġew riveduti.

## 10.1. Pjan ghall-Izvilupp Rurali - Mizura 313 u 323 – *Heritage Trail* fil-Manikata (P/10/3)

10.2. Is-Sindku fakkar li fl-2009, it-tħejjijiet għall-applikazzjoni dwar il-*heritage trail* tal-Manikata kienu ġew sospiżi, peress li mhuwiex possibbli li jsiru żewġ talbiet f'sena waħda taħt l-istess azzjoni. Għalhekk fl-2009 kienet ġiet sottomessa t-talba li tinvolvi l-*heritage trail* ta' Selmun biss. Minkejja dan il-Kunsill Lokali xorta mexxa l-applikazzjoni quddiem il-MEPA, fejn aċċerta li dan il-proġett kien ser jiġi inserit fil-Proġett LEADER.

10.3. Il-Kunsill qabel mal-poposta.

## 11.1 Attivita` fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm (A/5/3/Vol VIII)

11.2 Is-Sindku fakkar li qed isiru tħejjijiet għall-attivita` annwali fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm li ser issir nhar il-Ġimgħa 7 ta' Mejju 2010 fis-7.00pm fis-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja.

11.3 Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 12.1. *Mobile telephony antennas* fiz-zona tal-Kortin (P/5/8/C)

12.2. Is-Sindku għarraf li reġgħet tqajjmet il-kwistjoni dwar is-suġġett t'hawn fuq. Dan wara li deher artiklu fil-gazzetta "The Times" tas-16 ta' Marzu 2010, fejn ġie rrappurtat li x-xjenzat u riċerkatur Ingliż – Barrie Tower – f'laqgħa li saret għar-residenti tal-Kortin ikkummenta dwar l-effetti tar-radjazzjoni li jistgħu l-aktar jolqtu ħażin lin-nisa, it-tfal u l-anzjani. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li din il-materja ser tiġi diskussa mill-Kumitat Parlamentari dwar l-Affarijiet Soċjali. Huwa qal ukoll li għamel kuntatt mal-Onor. Edwin Vassallo biex għas-smiegħ li jmiss tal-istess Kumitat, il-Kunsill Lokali jiġi mistieden jattendi.

12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 13.1. Ġbir ta' skart riċiklabbli (K/6/11)

13.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-kuntatti li kien hemm ma' Green MT Ltd, wara li ġie ffirmat il-ftehim dwar il-ġbir tal-iskart riċiklabbli mill-*bring-in sites* u mid-djar. Fost is-suġġetti li ġew diskussjoni kien hemm it-tqassim tal-boroż il-griżi lir-residenti tal-lokalita` mingħajr ħlas. Huwa qal li Green MT Ltd fil-fatt għaddew abbozz ta' avviż biex jiġi stampat fil-gazzetti. L-avviż jgħid li t-tqassim ser issir is-Sibt 8 u 15 ta' Mejju 2010 f'Misraħ il-Parroċċa wara l-Quddiesa tas-6.30pm u fil-Manikata nhar il-Ħadd 16 ta' Mejju 2010 wara l-Quddiesa tal-11.00am.

13.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li fil-Mellieħa, it-tqassim għandu jsir minn Misraħ iż-Żjara tal-Papa Gwanni Pawlu II fis-Sibtijiet tal-15 u t-22 ta' Mejju 2010 bejn it-8.00am u nofsinhar u f'Misraħ il-Parroċċa Manikata fit-22 ta' Mejju wkoll bejn is-2.00pm u l-5.00pm. Kien hemm qbil ukoll li qabel isir it-tqassim għandha possibilment isiru sessjonijiet promozzjonali sabiex ir-residenti jkunu mgħarrfa minn qabel isir it-tqassim.

### AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fil-11.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 26 ta' April 2010, fis-7.00pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**